

Ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi


Il-parteciċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-politika hija kundizzjoni importanti għal demokrazija effettiva u governanza tajba. Barra milli ssaħħa u ttejjeb is-sistema demokratika, il-parteciċipazzjoni ta' aktar nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi għandha bosta effetti pożittivi fuq is-soċjetà li jistgħu jgħinu biex itejbu l-ħajja tan-nisa u tal-irġiel. Il-benefiċċji jinkludu soċjetajiet aktar ġusti u governanza inklużiva, livelli ta' għajxien ogħla, żvilupp pożittiv fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fl-infrastruttura, u tnaqqis fil-korruzzjoni politika.

Vjaġġ bil-mod iżda stabbli tan-nisa lejn il-quċċata

F'dawn l-aħħar għaxar snin, in-nisa kienu qegħdin iżidu kontinwament is-sehem tagħhom tal-ogħla karigi ta' tmexxija fl-istituzzjonijiet politiċi u fl-amminis-trazzjoni pubblika fl-UE kollha. Il-graff t'hawn taħt turi l-progress li sar mill-2003 fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew.



Figura 1 – Titjib fil-bilanċ bejn is-sessi fis-setgħa politika fl-UE-28, 2003-2014



L-irġiel jibqgħu jiddominaw fit-tmexxija tal-partiti politiċi

In-nisa fit-tarf tan-netwerks informali

Ħafna mill-partiti politiċi fl-UE huma mmexxija mill-irġiel, kif muri fir-rapport tal-EIGE dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi fis-setgħa u t-teħid ta' deċiżjonijiet (2015). Ir-rapport jindika li fl-2014 in-nisa ammontaw għal 13 % ta' mexxejja u 33 % ta' mexxejja deputati ta' partiti politiċi ewlenin fl-UE kollha. Netwerks formali u informali fil-partiti politiċi huma ta' importanza kbira sabiex jintlaħqu karigi għoljin, jinżamm appoġġ tal-partiti u jiġu implimentati bidliet politiċi. In-netwerking informali wara l-ħinijiet tax-xogħol isir l-aktar mill-irġiel. Għalhekk, l-eżistenza ta' dawn in-netwerks fi sferi ddominati mill-irġiel tista' ssostni d-dominanza u t-tmexxija tal-irġiel (ir-rapport tal-EIGE dwar l-Ugwaljanza bejn is-sessi fis-setgħa u t-teħid ta' deċiżjonijiet).

L-istereotipi tas-sessi jżommu lin-nisa lura mill-karigi għoljin


Il-persistenza ta' stereotipi bbażati fuq is-sessi u l-kultura interna ta' bosta partiti politiċi, li hija kkaratterizzata mill-istil ta' tmexxija "maskili" prevalenti, tibqa' tfixkel rappreżentazzjoni ndaq. Storikament, il-karigi ta' tmexxija kienu okkupati l-aktar mill-irġiel. Il-karat-

teristiċi u l-ħiliet li huma mistennija mill-mexxejja — bħall-assertività, id-dominanza jew il-ħsieb razzjonali — huma tipikament marbutin ma'karatteristiċi maskili u b'hekk it-tmexxija hija normalment assoċjata mal-irġiel. L-istereotipi tas-sessi huma riflessi wkoll fit-tqas-sim tal-portafolli tal-Kabinett u l-karigi amministrattivi għoljin fil-ministeri. L-irġiel jiddominaw il-portafolli li jirrelataw ma' funzjonijiet bażiċi tal-istat bħad-difiża, il-ġustizzja u l-politika barranija, filwaqt li n-nisa huma kkonċentrati fil-ministeri b'funzjonijiet soċjokulturali, li jsaħħu l-aspettattivi stereotipiċi li n-nisa huma aktar adattati għal oqsma bħall-edukazzjoni, is-saħħa u l-kultura.

Il-partiti politiċi jeskludu lin-nisa

Il-partiti politiċi għandhom rwol ewlieni fid-determinazzjoni tal-grad u l-kwalità tal-opportunitajiet tan-nisa biex jipparteċipaw fil-partiti politiċi. L-opportunitajiet tan-nisa biex jidhru għal karigi ta' tmexxija jinsabu wkoll f'idejn il-partiti politiċi u l-eliti tal-partiti li jikkontrollaw il-proċessi ta' għażla u dħul. Il-partiti politiċi jiddeterminaw ukoll l-ordni ta' listi elettorali, il-listi qosra għall-kostitwenzji u l-istrutturi tal-partiti. Għal dawn ir-raġunijiet, il-partiti politiċi spiss jissejġu "intermedjarji".

Figura 2 – Proporzjon ta' nisa fil-parlamenti nazzjonali fejn il-kwoti jintużaw sa mill-2003 u l-2014



X'qiegħed isir biex jitjeb il-bilanċ bejn is-sessi?

Diversi Stati Membri tal-UE saħħu l-impenn tagħhom fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi billi introduċew kwoti tas-sessi obbligatorji jew volontarji sabiex jinħoloq bilanċ bejn is-sessi fil-politika u jiġu introdotti miri għall-bilanċ bejn is-sessi fl-għażla tal-kandidati. Is-sejbiet tar-riċerka tal-EIGE juru li mill-2003 l-Istati Membri bi kwoti vinkolanti jew volontarji kellhom bħala medja l-aktar żieda evidenti fir-rappreżentazzjoni politika tan-nisa. Il-figuri juru li fl-2014 kien hemm żieda ta' 10 punti perċentwali biex jilħqu medja ta' 29 % ta' nisa fil-parlamenti nazzjonali. Fil-pajjiżi li ma għandhom l-ebda kwota, ir-rappreżentazzjoni tan-nisa kienet ta' 27 %, b'żieda minima fuq il-medja f'dawn l-aħħar għaxar snin. Il-kwoti huma miżura waħda sabiex jitjeb il-bilanċ bejn is-sessi. Madankollu, waħidhom, mhumiex biżżejjed. Miżuri oħrajn, bħad-dibattitu pubbliku, il-kampanji, il-monitoraġġ regolari u l-programmi olistiċi sabiex iħeġġu aktar nisa fil-politika, huma meħtieġa wkoll.

Prattiki tajbin sabiex ir-rwol tan-nisa jżied fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi

EIGE identifika firxa ta' prattiki tajbin sabiex jgħammar u jagħti s-setgħa lil aktar nisa li għandhom il-ħiliet rilevanti meħtieġa sabiex isegwu karriera politika, f'ambjent li huwa aktar divers u rappreżentattiv.

Miżuri u inizjattivi mmirati: Miżuri legali jew volontarji vinkolanti implimentati minn partiti politiċi jinstabu li jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta'

deċiżjonijiet. Firxa aktar wiesgħa ta' inċentivi mmirati, bħad-dibattitu pubbliku, is-sensibilizzazzjoni u aktar reklutaġġ trasparenti u prattiki dwar l-iżvilupp tal-karrieri huma importanti wkoll għall-progress.


Monitoraġġ regolari: Huwa importanti li jinżamm rekord tal-iżviluppi u ssir valutazzjoni dwar liema inizjattivi huma ta' suċċess u dawk li mhumiex. Il-bażi ta' *data* tal-Istatistika tas-Sessi tal-EIGE tista' tgħin fil-monitoraġġ peress li tipprovi aċċess għal *data* kklassifikata skont is-sessi li tista' tiġi mqabbla fl-Istati Membri kollha tal-UE.

L-EIGE jipproduċi regolarment rapporti li jeżaminaw mill-ġdid oqsma differenti tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA), kif mitlub mill-presidenzi tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Bosta rapporti riċenti jinkludu:

- L-ugwaljanza bejn is-sessi fil-poter u t-teħid tad-deċiżjonijiet (2016);
- Disparità bejn is-sessi fil-pensjonijiet fl-UE (2015);
- L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-indipendenza ekonomika: xogħol part-time u impjieg indipendenti (2014).

Tista' tesplora r-rapporti u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-BPfA preċedenti tal-EIGE fuq <http://eige.europa.eu/monitoring-the-bpfa>

Figura 3 – Proporzjon ta' nisa fil-parlamenti nazzjonali fejn il-kwoti jintużaw sa mill-2003 u l-2014



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *Database on Women and Men in Decision-Making; QuotaProject*, disponibbli fuq: <http://www.quotaproject.org/>; Krook, 2009; Thames u Williams, 2013.

Involviment tan-nisa żgħażaġh: Sakemm ma jkunx hemm aktar nisa żgħażaġh attirati lejn il-ħajja politika, in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa f'karigi elettivi sejjer ikompli. Il-mentoraġġ, il-korsijiet ta' taħriġ, il-kampanji pubbliċi u n-netwerking professjonali jista' jkollhom rwol importanti sabiex aktar nisa jkunu mħeġġa biex jikkontestaw l-elezzjonijiet u jitħejjew għal karriera politika.



Kelmtejn dwar il-parlamenti sensitivi lejn is-sessi

Il-Parlamenti li joħolqu ambjent li jagħti kapaċità lin-nisa, ħieles minn fastidji u prattiki diskriminatorji fuq il-post tax-xogħol jistgħu jappoġġjaw aktar nisa biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-politika. EIGE qiegħed jiżviluppa għodda onlajn u interattiva li tgħin biex tkejjel is-"sensittività għad-differenza bejn is-sessi" ta'

Bilanċ bejn is-sessi: Proporzjon aċċettabbli ġeneralment jitqies bħala 40/60.

Parità bejn is-sessi: Kunċett numeriku spiss jissejjaħ bħala proporzjon ta' 50/50.

Massa kritika: Meta mill-inqas 30 % tan-nisa jew l-irġiel huma rappreżentati fil-karigi ta' teħid ta' deċizzjonijiet.

Aktar informazzjoni dwar it-termini tal-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tinstab fil-Glossarju u t-Teżawru tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-EIGE

istituzzjoni politika. L-għodda tħares lejn firxa ta' kriterji ewlenin, minn sistemi elettorali għal kundizzjonijiet tax-xogħol parlamentari. Permezz ta' eżami tal-ostakli li n-nisa jiffaċċjaw bħala politikanti fl-istadji kollha tal-karriera tagħhom, din l-għodda l-ġdida sejra tgħin lill-istituzzjonijiet biex jidentifikaw prattiki diskriminatorji u jiżviluppaw miżuri sabiex jindirizzawhom.

Prijoritajiet politiċi tal-UE

L-impenn tal-UE lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċizzjonijiet huwa msaħħaħ fl-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 tal-Kummissjoni Ewropea. Dan jelenka l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċizzjonijiet bħala wieħed mill-oqsma ta' prijorità. Id-dokument jenfasisza wkoll azzjoni għall-ġbir u t-tixrid tad-*data* dwar in-nisa u l-irġiel fil-karigi għoljin ta' teħid ta' deċizzjonijiet, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EIGE.

Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011-2020 jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Kunsill għall-ugwaljanza bejn is-sessi, u speċifikament ifittex ukoll li "jippromwovi t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u ekonomika".

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdulhom għarfien espert speċifiku u *data* komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar tagħrif:

<http://eige.europa.eu> 
facebook.com/eige.europa.eu 
twitter.com/eurogender 
youtube.com/eurogender 
eige.sec@eige.europa.eu 
+3705 2157444 